# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Gunju, 2023**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 673/2020JVC**

Carmel Agius (ID 0242257M) u martu Agnes Agius (ID 423458M) ghall kull interess li jista' jkollha

Vs

John Mary sive Jimmy Cassar (ID 0185654M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

‘Illi l-atturi ilhom dawn l-ahhar tnax (12) il-sena jiddetjenu esklussivament b’titolu ta’ sub-kera l-ghalqa li hija denominata “Tt-Taqsira” accessibbli minn Triq San Niklaw u li tinsab fl-limiti tas-Siggiewi, tal-kejl superfcjali ta’ ghaxart t’elef, sitt mija u sitta u hamsin punt tnejn hamsa metru kwadru (10,656.25m.k), kif tinsab indikata bil-kulur isfar fl-annessa pjanta mmarkata bhala Dokument **CA1,** liema sub-kera hija fl-ammont ta’ erba’ mitt euro (€400) fis-sena u tithallas f’Settembru ta’ kull sena lill-konvenut li huwa d-detentur tal-qbiela relattiva registrata bin-numru J40545;

1) Illi nhar il-hmistax (15) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u fil-ijiem ta’ wara, u cioe’ anqas minn xahrejn qabel ma nfethet il-kawza odjerna, il-konvenut, bil-vjolenza, bil-mohbi tal-atturi u b’mod abbuziv, bil-hsieb li jezercita jedd li jippretendi li ghandu, personalment jew permezz ta’ agenti tieghu kkommetta spoll vjolenti meta qabad u dahal fl-imsemmija ghalqa detenuta mill-atturi sgassa u waqqa’ x-xatba li taghti ghall-imsemmija ghalqa, zarma u kisser is-sistema ta’ irrigazzjoni funzjonanti fl-istess ghalqa li kienet tikkonsisti f’madwar erba’ mitt (400) metru ta’ pajpijiet, sgassa il-bieb u l-katnazz tal-guva u harrab madwar sitta u tletin (36) il-ghasfur konsistenti f’sittax (16) il-gamiema u ghoxrin (20) il-malvizz, liema sgass u hsarat jidhru mill-annessi ritratti li qed jigu mmarkati bhala Dokumenti **CA2-CA8**;

2) Illi l-atturi qatt ma taw l-approvazzjoni jew il-kunsens taghhom lill-konvenut biex ikun jista' jwettaq l-imsemmija agir u atti;

3) Illi dan l-agir u atti illegali da parti tal-konvenut jikkostitwixxi spoll privilleggjat u klandestin ghad-dannu tal-atturi u tad-drittijiet taghhom;

4) Illi peress ukoll illi jezistu l-elementi kollha biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u cioe' il-pussess – *possidesse,* l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-atturi *spoliatum fuisse* u li l-azzjoni odjerna qed issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll – *infra bimestre deduxisse;*

5) Illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex jirregolarizza ruhu, baqa' ghal kollox inadempjenti;

6) L-atturi jafu bil-fatti hawn dikjarati personalment.

Jghid ghalhekk il-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni u/jew provvediment mehtiega skond il-ligi, u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi skond il-kaz, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut personalment jew permezz ta' agenti tieghu ikkommetta spoll kontra l-atturi meta bil-vjolenza, bil-mohbi tal-istess atturi u b'mod abbuziv, anqas minn xahrejn qabel ma nfethet il-kawza odjerna, wettaq l-azzjonijiet spoljattivi kif hawn fuq spjegat u dan ghad-dannu tal-atturi;

2) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jaghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali kollha sabiex jirrintegra lill- attrici fil-pussess shih u uzu tal-ghalqa li-istess attrici tiddetjeni b'titolu ta' sub-kera u cjoe' l-ghalqa li hija denominata "Tat-Taqsira" accessibli minn Triq San Niklaw u li tinsab fil-limiti tas-Siggiewi, tal-kejl superficjali ta' tlettax il-elf, erbgha mija u disa' u tletin punt tnejn hamsa metru kwadru (13,439.25m.k.), kif tinsab indikata bil-kulur isfar fl-annessa pjanta mmarkata bhala dokument **CA1,** u sabiex jirripristina l-proprjeta' precitata tal-atturi fl-istat hekk kif kienet qabel ma saru l-precitati azzjonijet spolljattivi illegali kommessi minnu personalment jew permezz ta' agenti tieghu, u cioe' billi jaghmel mill-gdid f'postha x-xatba li taghti ghall-imsemmija ghalqa, jaghmel mill-gdid f'postha u f'stat funzjonali s-sistema' ta' irrigazzjoni fl-istess ghalqa li kienet tikkonsisti f'madwar erba' mitt (400) metru ta'

pajpijiet, jaghmel mill-gdid f'postha il-bieb u l-katnazz tal-guva; u

3) Fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jaghmel hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, minn issa stesss tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghlijiet relattivi huma stess anke jekk hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' periti nominandi, u dana a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull jedd spettanti lill-atturi, kompriz kull azzjoni in konnessjoni mad-danni subiti mill-istess atturi.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li taqra kif isegwi :

1. 'ILLI, direttament fil-meritu, it-talbiet attrici huma bbazati fuq zewg dikjarazzjonijiet kompletament foloz u invertieri, dedotti fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat promutorju, u ghalhekk biss it-talbiet attrici f'din l-istanza ma jistghu qatt jirnexxu;

   L-esponent qieghed minn issa stess jirrizerva li jiehu dawk il-passi kollha necessarja u opportuni fil-konfront tal-atturi dwar tali dikjarazzjonijiet, inkluz passi kriminali;

Is-suespost qieghed jinghad billi assolutament m'huwiex minnu illi l-atturi ***"jiddetjenu esklussivament b'titolu ta' subkera l-ghalqa"*** meritu tar-rikors guramentat promotorju, **"liema sub-kera hija fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) fis-sena";**

Effettivament, l-esponent huwa l-inkwilin tal-ghalqa in kwistjoni, u ilu jikri din l-ghalqa, komprizi l-istrutturi ta' go fiha, minghand l-Awtorita' tal-Artijiet, jew l-aventi causa taghha, ghal aktar minn wiehed u ghoxrin (21) sena, u dan versu l-hlas tal-qbiela ta' tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) fis-sena, pagabbli kull sena b'lura, kif jirrizulta mill-ircevuti hawn annessi **(DOK:A);**

Fil-fatt, l-esponent kien gie rikonoxxut ghall-ewwel darba bhala t-titolarju tal-qbiela in kwistjoni nhar it-22 t' Frar 1999, kif jirrizulta mill-ittra hawn annessa **(DOK:B)**, u, precedentement, l-istess qbiela kienet anke tappartjeni lil missier l-esponent sa minn tal-anqas l-4 t'April 1990, kif jirrizulta mill-ircevuta hawn annessa **(DOK:C);**

Konsegwentement, l-esponent ilu snin twal jahdem din l-ghalqa - inkluz, kull tant, bl-ghajnuna ta' terzi minhabba l-kobor taghha – kif jista' jigi facilment ippruvat, u ghalhekk ma jista' qatt ikun illi l-atturi kienu qieghdin **"jiddetjenu**

**esklussivament"** l-istess ghalqa kif huma jsostnu bil-gurament, u dan billi l-esponent minn dejjem kien u baqa' jahdem l-istess ghalqa regolarment;

Li gara kien illi; ghal xi zmien, l-esponent kien semplicement ippermetta, b'mera tolleranza, u minghajr ebda korrispettiv kwalsiasi , lill-attur Carmelo Agius (u mhux ukoll lill-attrici Agnes Agius) sabiex, fl-istagun tal-kacca, l-istess attur ikun jista', ghal perjodi qosra, jidhol gewwa l-ghalqa imqabbla lill-esponent ghall-iskop uniku ta' kacca;

Jigi enfasizzat illi, tali permess inghata biss **b'mera tolleranza, ghal skop specifiku, u minghajr ebda korrispettiv,** u ghalhekk ma' jista' qatt ikun illi l-atturi – inkluz l-attrici Agnes Agius, li qatt ma inghata xi forma ta' permess mill-esponent- spiccaw b'xi **"titolu ta' sub-kera fl-ammont ta' €400 fis-sena",** kif allegat minnhom bil-gurament;

Fil-fatt, kien biss wara li l-esponent irtira l-mera tolleranza tieghu – inkluz, fost ohrajn, permezz ta' ittra legali tas-17 ta' Lulju 2020 **(DOK:D)** – li l-attur Carmelo Agius beda jaghmel sensiela ta' allegazzjonijiet foloz, inkluz li huwa kellu xi titolu fuq l-ghalqa in kwistjoni, u dan wara li, addirittura, l-istess Carmelo Agius kien ghamilha cara lill-esponent li l-

istess esponent kien ser ikollu jmur il-Qorti sabiex johorgu mill-istess ghalqa;

Fil-fatt, l-esponent, bhala l-inkwilin u t-titolarju tal-qbiela in kwistjoni, ma thalla bl-ebda alternattiva ohra ghajr illi jipprocedi kontra l-attur Carmelo Agius b'kawza ta' zgumbrament quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *John Mary Cassar vs. Carmelo Agius* (829/2020 JVC) li ghadha pendenti (**DOK:E**);

II. ILLI fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi, fost ohrajn:

a) Fl-ewwel lok, l-esponent kellu jnehhi x-xatba li ssir riferenza ghalih mill-atturi fir-rikors guramentat promotorju taghhom sabiex ikun jista' jidhol trukk gewwa l-ghalqa in kwistjoni bhala parti mix-xoghol li l-esponenti ilu jaghmel gewwa din l-istess ghalqa ghal ghexieren ta' snin;

Minflok din ix-xatba, u b'mod temporanju, l-esponent installa katina – kif tidher fir-ritratt anness bhala DOK:CA3 mar-rikors guramentat promutorju – bir-rizultat illi l-atturi, ossija l-attur Carmelo Agius, kienu u baqghu jistghu jaccedu ghall-ghalqa in kwistjoni, u dan minkejja li l-mera tolleranza

tal-esponent , bhala t-titolarju tal-qbiela in kwistjoni, kienet giet irtirata kif gja'inghad;

Konsegwentement, ma gie kommess l-ebda spoll mill-esponent fil-konfront tal-atturi f'dan ir-rigward;

b) Fit-tieni lok, l-esponent ma kisser l-ebda sistema ta' irrigazzjoni funzjonanti tal-atturi kif allegat minnhom fir-rikors guramentat promutorju taghhom;

Effettivament, tali sistema kienet giet installata mill-atturi, ossija mill-attur Carmelo Agius, b'mod illegali u abbuziv, u minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-esponent bhala t-titolarju tal-qbiela in kwistjoni, u kienet qed ittellef lill-esponent milli jkompli jahdem l-ghalqa in kwistjoni;

Kull ma ghamel l-esponent kien illi, wara li huwa kien talab, inutilment, lill-attur Carmelo Agius sabiex inehhi tali sistema, l-esponent kien zarma l-istess sistema sabiex huwa jkun jista' jkompli jahdem l-ghalqa imqabbla lilu, kif ilu jaghmel ghal madwar wiehed u ghoxrin (21) sena, izda certament illi ma kisser xejn kif allegaw l-atturi fir-rikors guramentat promutorju taghhom;

Konsegwentement, ma gie kommess l-ebda spoll mill-esponent fil-konfront tal-atturi f'dan ir-rigward;

c) Fit-tielet lok, l-esponent ma zgassa l-ebda bieb u katnazz tal-guva, u ma harrab l-ebda ghasfur mill-istess guva, kif jallegaw l-atturi fir-rikors guramentat promutorju taghhom;

Effettivament, l-ghalqa in kwistjoni fiha madwar ghaxart elef sitt mija u sitta u hamsin punt tnejn hamsa (10,656.25) metri kwadri, ossija aktar minn disat (9) itmiem u, ghalkemm huwa biss l-esponent li ghandu titolu validu u skond il-ligi ta' qbiela, u l-konsegwentement pussess, tal-istess ghalqa, huwa facli biex terzi jaccedu ghaliha kemm minhabba l-kobor taghha, kemm ghaliex tmiss ma' ghelieqi ohrajn ta' terzi, u anke ghaliex ma jkunx hemm ghassa maghha partikolarment matul il-lejl;

Konsegwentement, l-esponent certament illi ma kkometta l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi f'dan ir-rigward.

**III.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-atturi illi jressqu prova cara u skond il-ligi ta' dak kollu allegat minnhom fir-rikors guramentat promutorju taghhom, u dan, fost ohrajn, skond id-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta );

**IV.** ILLI, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici kif dedotti ma jistghux jirnexxu billi ma jississistux l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll kif rikjest skond il-ligi;

**V.** ILLI, minghajr pregudiizju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michuda fl-intier taghhom, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

SALV risposti ulterjuri permessi mill-ligi.'

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna u wkoll tal-kawza ghall-zgumbrament fl-ismijiet inversi bin-numru 829/20 stante t-talba tal-partijiet sabiex din il-Qorti tiehu kont tal-provi li tressqu fiz-zewg kawzi (verbal tat-3 ta' Marzu, 2022 a fol 111).

Rat illi fil-verbal datat 1 ta' Dicembru, 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjoni fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza ta' allegat spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti jsosntu li huma jiddetjenu esklussivament l-pussess ta' ghalqa li tidher immarkata fil-pjanta fol. 4 tal-process u dan ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u li fuqha jhallsu sub-kera ta' erba' mitt Euro (€400) lill-intimat. Isostnu li l-intimat wettaq spoll fid-data tal-15 ta' Lulju, 2020 u l-granet sussegwenti meta sgassa u nehha x-xatba li taghlaq din l-ghalqa, li nehha sistema ta' irrigazzjoni funzjonanti ta' madwar 400 metru pajpijiet u wkoll li allegatament sgassa bieb u katnazz ta' guva b'dana li harrab madwar hamsa u tletin (35) ghasfur. Ghal din ir-raguni r-rikorrenti prezentaw il-kawza odjerna sabiex l-intimat jigi kkundannat jirripristina l-*istatus quo ante.*

Illi l-intimat jichad kategorikament li r-rikorrenti jiddetjenu essklussivament b'titolu ta' sub-kera l-ghalqa in kwistjoni u wkoll li jhallsu xi sub-kera ta' erba' mitt Euro (€400) fis-sena lill-istess intimat. Jeccepixxi li huwa hu l-inkwilin tal-ghalqa li hija mikrija minghand l-Awtorita' tal-Artijiet u jhallas hu il-qbiela fuq l-istess sa mit-22 ta' Frar, 1999 u qablu missieru. Jinsisti li huwa hu li

jahdem l-ghalqa regolarment anki b'ghajnuna ta' terzi stante li hija ghalqa kbira w'ghalhekk zgur li r-rikorrenti ma jiddetjenux l-ghalqa esklussivament. Jeccepixxi li ghal ftit zmien hu kien jittollera biss lir-rikorrent jidhol fl-ghalqa ghall-iskop specifiku tal-kacca, u mhux lil mart ir-rikorrent, u dan minghajr ebda hlas. Izid li kien biss wara li permezz ta' ittra legali datata 17 ta' Lulju, 2020 huwa rtira t-tolleranza favur ir-rikorrent li r-rikorrent beda jvanta xi titolu fuq l-ghalqa u dan sahansitra wara li kien l-istess intimat li nforma lir-rikorrent li kien ser imur il-Qorti biex johorgu mill-istess ghalqa. Izid li effettivament infethet ukoll kawza ta zgumbrament liema kawza l-Qorti tirrileva li wkoll instemghet minn din il-Qorti u ser tigi deciza llum stess.

L-intimat jeccepixxi ulterjorment li x-xatba hija proprjeta' tieghu u kellu jnehhiha biex ikunu jistghu jidhlu l-ingenji fl-ghalqa u jwittu l-hamrija stante li hija ghalqa kbira ta' madwar disa' tomniet. Illi billi nehha x-xatba r-rikorrent xorta wahda seta' jidhol fl-ghalqa ghaliex kull ma ghamel flok ix-xatba kienet katina li ma zzomm il-hadd milli jidhol. Illi s-sistema tal-irrigwazzjoni huwa gia kien talab lir-rikorrent biex inehhiha altrimenti hu ma setax ikompli bix-xoghol fl-ghalqa izda r-rikorrent dan ma ghamlux allura l-intimat kull ma ghamel kien li ressaq din is-sistema fil-genb tal-ghalqa biex ikun jista' jahdem. Dwar il-guva jichad li huwa mess xi haga mill-istess. Isostni ghalhekk li ma jissusistux l-elementi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata.

Il-Qorti, rat il-pjanta tal-ghalqa in kwistjoni esebita mir-rikorrenti a fol. 4 tal-process flimkien mar-rikors guramentat.

Rat ir-ritratti a fol. 5 sa' 11 annessi mar-rikors guramentat li skont ir-rikorrenti juru l-atti ta' allegat spoll li sehh fil-konfrot taghhom.

Rat l-ircevuti tal-hlas tal-qbiela esebiti mill-intimat a fol. 20 et seq tal-process li jkopru l-perjodu mis-sena 1999 l-quddiem inkluz dik li tkopri mis-16 ta' Awwissu, 2019 sal-15 ta' Awissu, 2020 (fol. 40). Rat l-ittra a fol. 41 datata 22 ta' Frar, 1999 li tikkonferma li l-Awtorita' tal-Artijiet tirrikonoxxi lill-intimat bhala l-kerrej tal-ghalqa in kwistjoni.

Rat l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Lulju 2020, indirizzata lir-rikorrent, li permezz taghha l-intimat interpella lir-rikorrenti sabiex ma jibqax jaccedi b'mod illlegali fl-ghalqa in kwistjoni ghal skopijiet ta' kacca u kwalsiasi skop iehor u sabiex inehhi mill-istess ghalqa xi oggetti tieghu sa mhux aktar tard minn tlett ijiem mad-data tal-ittra. Javzah li jekk ma jaghmilx hekk ser imexxi b'rapport mal-Pulizija.

A fol. 53 tal-process gie esebit affidavit tar-rikorrent **Carmel Agius** li ghalkemm jirrikonoxxi li l-ghalqa ssejjah lill-intimat mal-Awtorita' tal-Artijiet huwa jsostni li l-ghalqa ma tinhadimx mill-

intimat izda ilha tinhadem minnu ghal dawn l-ahhar tnax-il sena peress li r-rikorrenti kien qallu li hu ma kienx interessat aktar li jahdimha. Jixhed li l-ghalqa ilha fil-pussess tieghu mis-sena elfejn u tmienja (2018).

Ir-rikorrent rega′ xehed permezz ta′ affidavit iehor a fol. 69 tal-process. Huwa jallega li l-intimat sahansitra tah kopja tal-ircevuta tal-hlas u tal-karta tal-identita′ tieghu wara li kien l-intimat li proponielu li l-ghalqa tinqeleb fuq ir-rikorrent u jipprezenta dawn il-kopji a fol. 71 u 72 tal-process. Jinsisti li kien l-intimat li ghaddielu l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni bil-kera ta′ erba′ mitt Euro (€400). Izid li f′Mejju 2020 l-intimat iltaqa′ ma′ mart ir-rikorrent Agnes Agius u qalla li kellu ahbar hazina ghaliex kien qed jinnegozja l-ghalqa ma′ zewg garaxxijiet. Izid li fil-11 ta′ Lulju 2020 l-intimat ikkonferma wkoll mieghu dan in-negozju. Jannetti mal-affidavit konversazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimat fejn isostni li l-intimat jikkonferma kemm dan l-allegat negozju kif ukoll il-kirja tal-ghalqa favur ir-rikorrent. Izid li kien fil-15 ta′ Lulju 2020 li allura l-intimat allegatament wettaq l-atti allegatament spoljattivi isemmija fir-rikors guramentat u cioe′ nehha x-xatba, zarma u kisser is-sistema ta′ irrigazzjoni u harrab l-ghasafar mill-guva wara li sgassa l-bieb u dan minghajr il-kunsens tieghu u dwar dan ghamel rapport mal-pulizija.

Rat it-traskrizzjoni tal-konversazzjoni bejn il-partijiet msemmija mir-rikorrent fl-affidavit ulterjuri tar-rikorrent a fol. 105 et seq tal-process liema konversazzjoni allegatament sehhet nhar il-11 ta' Lulju 2020. F'din il-konversazzjoni jinstema l-intimat jghid lir-rikorrent diversi drabi sabiex johrog bil-kwiet mill-ghalqa u li r-rikorrent kien ikappara l-istess ghalqa. Ir-rikorrent da parti tieghu jinsisti li hu kellem avukat u li minn hemm mhux ser johrog u li kien ihallas lill-intimat tal-kera u li ried itih ghaxart'elef liri Maltin. L-intimat jinsisti li xejn spicca. Ir-rikorrent jghid diversi drabi li kien rega' harat l-ghalqa u l-intimat jirrispondi li ma harat xejn. Dwar l-allegat tpartit ma' terz l-intimat jghid lir-rikorrent li dik xi haga ohra. F'mument minnhom l-intimat jghid lir-rikorrent li ser itajjarlu l-ghasafar, biex johroglu minn hemm u kemm haduha bi kbira. Ir-rikorrent javza lill-intimat biex ma jmiss xejn minn hemm u l-intimat jghidlu int hemm m'ghandek xejn u m'ghamel xejn hlief li saqqaf il-kamra li ghamel ghall-ghasafar. Ir-rikorrent jibqa' jinsisti mal-intimat biex ma jmiss xejn.

Ir-rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 178 tal-process. Dwar ix-xatba jghid li tnehhiet biss bieba minnha u l-ohra thalliet hemm u kienu ghamlu wire u hu mill-ewwel ma dahalx aktar l-hemm ghax skont hu jghid li gie certu Freddi Falzon li kien ser jaghmel in-negozju. Jaqbel izda li bil-katina li ghamlu xorta wahda kulhadd seta' jidhol. Jghid li ghalkemm bil-katina ma kellux bzonn ic-cavetta u xorta seta jidhol hu ghazel li ma jidholx ghalkemm seta'

jidhol. Jghid li dahal haddiehor u ma riedx jaqla' inkwiet u hareg il-barra wara li ghamillu stragi. Dwar il-pajpijiet jghid li kienu fl-ghalqa kollox gozz u l-ghada sparixxew flimkien mal-panels tal-kamra meta mar biex johodhom. Mistoqsi hadhomx lura hu jghid li hu ma messhomx. Ma jafx min hadhom. Jghid li kif dahal Fredu Falzon huwa ma resaqx aktar lejn l-ghalqa ghaliex qallu biex ma jersaqx aktar l'hemm. Izid li minn meta bdew il-proceduri huwa ma resaqx aktar l-hemm u mieghu ma ha xejn jixhed:

Avukat: 'Xejn. Pero inti meta tlaqt, int iddecidejt, kif bdew il-proceduri, li tohrog u ma tergax tersaq 'l hemm, naqblu?

Xhud: Mhux ovvja jekk ma ridnix hemm lili . . . u mhux ha toqghod tiggiled mal-iehor, lil min dahhal.'

Mistoqsi jekk rax lil xi hadd iharrablu l-ghasafar jghid li ma ra lil hadd imma qallu l-intimat li kien ha jharrabhomlu. Fuq ir-rapporti li ghamel mal-pulizija huwa ma sema xejn aktar. Jichad li l-ghasafar hadhom mieghu huwa stess anzi jzid li l-intimat harrab l-ghasafar u qala l-panels tas-saqaf.

Jikkonferma li huwa prezenta cedola wahda biss ta' depozitu tal-allegata kirja u li ma ghamel ebda wahda ohra. Jghid li me kellux ghalfejn jaghmilhom la hemm haddiehor floku. Dwar ir-

'recording' li gie esebit fl-atti jikkonferma li l-intimat ma kienx jaf li r-rikorrent kien ser jirrekordjah. Jghid li kien biss dik id-darda li rrekordjah.

Fix-xhieda tieghu fl-atti tal-process 829/20 ir-rikorrent odjern Carmelo Agius xehed li huwa kien ihallas erba' mitt Euro (€400) fis-sena lill-intimat Cassar. Kien ihallashom hu jew il-bicca kbira kienet tmur martu bihom – kien suppost ihallashom f'Ottubru izda f'Settembru lill-mara kien jghidilha biex ittihomlu. Mistoqsi ghalfejn kien ihallsu jghid li kien qallu biex jizraghha u wara ftit ghalhekk kien xtara l–qamh u wkoll hawwel rummien, naspli, cirasa u tut. Meta qallu dan l-ahhar ghall-ispejjez l-intimat irrispondieh 'dawn l-erba' sigriet li ghamilt?' Jghid li ghall-gurament kien joqghod ukoll ghall-kacca imma mhux ghall-kacca biss kien juzaha. Il-kera qatt ma rrifjutaha. Inqala' l-ewwel inkwiet f'Mejju 2020 meta l-intimat qal lil martu li hemmhekk kien innegozjah ma' zewg garaxxijiet u hu lill-mara qallha kif jista' jekk hemm art tal-gvern. Jinsisti li hu ghal kollox dahal fl-ghalqa anki biex jahdimha u mhux biss ghall-kacca. Il-kera kien ihallasha f'kontanti u qatt ma tah ircevuta u qatt ma ffirmaw xejn. Sal-mument li tela' jixhed nhar il-15 ta' Ottubru, 2020 fl-atti tal-kawza ta' zgumbrament kien ghadu ma ddepozita xejn fil-Qorti. Jghid li originarjament meta beda jikrihielu l-intimat kien qallu jekk jirnexxielek iddawwarha tini ghaxart'elef Maltin (Lm10,000) u

tkun tieghek l-ghalqa u jhallas hu lill-Gvern izda ma rnexxielux idawwar l-ghalqa.

A fol. 118 tal-process anness jerga' jixhed ir-rikorrent odjern Carmelo Agius. Jghid li l-intimat Cassar kien kellmu madwar ghaxra, tnax-il sena ilu biex jikrihilu. Ftehmu li jtih €400 fis-sena u kienet tmur il-mara ttihom lilu jew lill-mara tieghu. Jghid li fl-ghalqa kien jaghmel kollox go fiha, basal, ful, tewm, naqra minn kollox, naqra broccoli u pastard u naqra kabocci u gidra u hawwel is-sigar, ir-rummien u lumi u laring u tut u bajtar ta' San Gwann. Ghall-ilma kien gabu minghand il-gar ta' hdejh, kienu ftehmu u tella l-pajpjiet tal-ilma biex isaqqi bihom. Tella' diversi mijiet ta' metri ta' pajpijiet u kien anki isaqqi l-lewz. Dam juzaha ghall-prodott qisu xi 8 snin. Izid li kellu kwistjoni ma' terz bl-isem ta' Alfred Falzon kif ukoll kien joqghod jisparalu lejn id-direzzjoni tieghu u dan Alfred Falzon biex ipattihielu ftiehem mal-intimat Casssar biex jehodha hu l-ghalqa. Jimmy Cassar qallu li nnegozjaha ma' zewg garaxxijiet u Cassar talbu biex johrog minn hemm hekk. Jghid li hu ma riedx li l-intimat itiha lil xi hadd iehor u mhux lilu ghaliex it-terz ried jaghmel vendikazzjoni.

Ir-rikorrent odjern ikompli jghid li l-intimat kien tah il-pjanti u l-karta tal-identita' tieghu biex idawwarha f'ismu izda l-ligi ma kinitx tippermetti. Kien talbu Lm10,000 biex jeqlibha fuqu. Dwar ix-xatba jghid li l-intimat kien tah ic-cavetta taghha u tal-kamra

tah cavetta imma ma qablitx u l-intimat kien qallu idhol mit-tieqa u biddel is-serratura. Tul iz-zmien qatt ma talbu xi cavetta anzi l-intimat ma kienx jersaq l'hemm hlief biex jarmi xi vjagg bil-hazin u hu kien joqghod inaddaf warajh. Jghid li m'ghandux ircevuta ghaliex l-intimat kien jaf li ma jistax jikri art tal-Gvern. Izid li din l-ghalqa ma kienx juzaha ghall-kacca ghaliex hu kellu postijiet ohra biex imur ghall-kacca u kien imur wara f'din l-ghalqa meta kien ikun ghadu bis-senter mieghu u l-klieb. L-ghalqa kien juzaha hu, l-mara u t-tfal u l-mara tat-tifel. Jghid li ma jgharafx l-iskratac fl-ghalqa ta' min huma, jibqa jichad li jikkaccja fl-ghalqa izda kien jinzel ghadu bis-senter f'idu u l-klieb. Izid li l-iskratac mhux tieghu u li l-ghalqa kienet mikrija qabel ghand nassab u kaccatur. Jikkonferma li meta l-intimat tah ic-cavetta tax-xatba, l-intimat kellu wkoll ic-cavetta tieghu 'Kellu ghax kien jigi u jitfa' l-imbarazz gol-ghalqa.' (fol. 122 ergo). Jaqbel li it-tnejn kienu juzaw ic-cavetta biex jidhlu fl-ghalqa. Mistoqsi jekk jafx li l-intimat iqabbad in-nies jahartu l-ghalqa bit-tractor u kien ilhom imorru jahartuha fuq numru ta' snin jghid li jaf b'li kien igib hu biss u li l-intimat tahilu biex jizraghha b'kollox. Hu qatt ma ra lit-terzi jahartuha 'imma gieli mort u rajtha mahruta,' (Fol. 123 process anness). Mistoqsi kemm ilu li hareg minn hemm jirrispondi:

'Xhud: Jien ili ma nersaq 'l hemm minn kemm ilu li qalli biex nohrog ghax ghandi ritratti hawnhekk jekk trid nurihomlok, ghax imbaghad biex jilhaq jiftiehem ma' Freddie Falzon biex jinnegozja

mieghu, jien bl-armi mhux ser noqghod hemm gew – nitlaq' il barra. . . . .

Qorti: Jigifieri bzajt li jigi xi hadd bl-armi?

Xhud: Il-min kien qieghed jirranga mieghu kien jitla' bis-senter u jien ma ridtx inkwiet. Ghidt ahjar nitlaq 'il barra. U kien qed jibghat it-tifel, u tifel guvni iehor, ghal provokazzjoni u.'

Aktar l-isfel jghid 'Jitla' ghall-kacca, ikollu s-senter.'

Jaqbel li hu wkoll bhal dan it-terz kien ikollu s-senter u biex ma joqghodx jillatika 'allura hrigt' il barra.'

A fol. 79 tal-process odjern tixhed ir-rikorrenti **Agnes Agius** li tista' tghid tikkonferma l-versjoni tar-rikorrent ragel taghha Carmel Agius fl-ewwel affidavit fl-atti tal-process odjern. L-istess tixhed f'affidavit ulterjuri a fol. 106 tal-process.

**Agnes Agius** izda xehdet ukoll fl-atti tal-process ta' zgumbrament anness a fol. 113 et seq tal-process. Hija tghid li kien l-intimat John Mary Cassar stess, li tiddeskrivih bhala 'is-sid', li kien qal lir-ragel taghha r-rikorrent odjern sabiex jibda jikrilu l-ghalqa. Tixhed li meta kien jasal ix-xahar ta' Settembru r-ragel kien jghidilha biex tlesti l-flus biex ittihom lill-intimat u kienet ittihom lill-intimat u

martu. Tghid li dan kien jigri kull sena. Izzid li kienet l-hena taghha tmur issaqqi fl-ghalqa in kwstijoni u kien ikollu ful, lumija, laringa, tut u bajtar ta' San Gwann. Tghid li f'din l-ghalqa kienu jitilghu isaqqu hi u r-ragel u t-tfal is-subien u gieli l-mara tat-tifel u t-tifel. Izzid li l-ghalqa kienu waqfu juzawha wara li l-intimat qallha hemmhekk hemm it-trouble ghaliex kien innegozja l-ghalqa u qallu biex johrog fi zmien tlett xhur. Il-flus kienet zgur ittihom lill-mara tal-intimat imma ma kienx ikun hemm karti li jigu ffirmati ma kienux isiru rcevuti. Dejjem hallset kontanti. Taqbel li r-ragel taghha huwa dilettant tal-kacca u li kien imur f'din l-ghalqa ghall-kacca. Tikkonferma izda li dwar il-ftehim x'kien bejn zewgha u l-intimat taf biss minn dak li qalilha zewgha u mhux ghax kienet prezenti hi. Kull ma taf li kienet tiehu l-flus. Tinsisti izda li huma ma kienux imorru biss fi zmien il-kacca. Terga' tikkonferma li ilhom ma jmorru fl-ghalqa minn meta qallu biex ma jmorrux.

Ix-xhieda fil-process odjern **George Mangion** (fol. 54), **Nicholas Mangion** (fol 55), **Edward Agius** (fol. 107), **Wayne Agius** (fol. 108) f'affidavits identici lkoll jixhdu li r-rikorrenti ilu jahdem l-ghalqa u ilha fil-pussess tieghu mill-anqas mis-sena 2008. Ix-xhieda **Nicholas Bonello** a fol. 56, **Mario Farrugia** (fol. 57), **Joseph Farrugia** (fol. 58), **Mario Bonello** (fol. 59) f'affidavits tista' tghid jukoll identici jixhdu li huma minn dejjem raw din l-ghalqa tinhadem mir-rikorrenti Carmel Agius u minn ebda persuna ohra.

Ix-xhieda suesposti fil-kontro-ezamijiet li sarulhom jispjegaw kif jafu lir-rikorrent b'uhud minnhom jikkonfermaw li jigu mir-rikorrent. **George Mangion** jghid li lill-intimat ilu ma jarah fl-ghalqa in kwistjoni aktar minn tletin sena. Izid li gieli ra l-ghalqa tinharat u gieli qabbdu r-rikorrent jahratha. Jghid li fil-bicca li kien jahrat hu, ir-rikorrent kien jizra' ful, tewm, basal u affarijiet hekk. Mistoqsi jekk jafx li l-ghalqa m'ghandhiex ilma jghid li kellu l-main ghaddej. Meta jigi suggerit lilu li l-ghalqa kienet tinzera' kollha qamh jghid li mhux kollha.

Huh **Nicholas Mangion** jixhed li ma jafx li l-ghalqa kienet tinzera qamh imma r-rikorrent kellu xi sigar, kien jizra' l-ful, fi zmien kellu t-tadam. Hu kien jiehu pjacir imur ikellem lil kuginuh ir-rikorrent fl-ghalqa. Jaf li l-ghalqa dejjem kienet tkun kultivata u mizrugha l-ghalqa imma qatt ma ra persuna bit-tractor. Wara d-disgwit bejn il-partijiet ma regax ra lir-rikorrenti fl-ghalqa.

**Nicholas Bonello** a fol. 147 et seq tal-process jghid li lir-rikorrent ilu jafu mis-sena 2010 minn meta kien itih l-ilma. L-art li tinhadem mir-rikorrent tinsab ma' genb tieghu. Jixhed li qabel Carmel Agius fl-istess ghalqa kien jara nassab mis-sena 1994. Izid li lill-intimat ma jafux u qatt ma rah hemm hlief l-ahhar sena. Mistoqsi qattx ra l-ghalqa mahruta jghid li darba haratha hu madwar

hames, erba snin qabel fuq talba tar-rikorrent. Izid li gieli kien jaraha tinhasad u jara l-balal imma ma jaghtix kaz min jahratha. Qatt ma nzertahom jahartu. Hu haratha darba zgur bit-tractor tieghu. Jghid li huwa ghandu l-indirizz fuq l-ghalqa tieghu u kuljum hemm.

**Mario Bonello** a fol. 154 et seq jghid li ilu jaf lir-rikorrent ghal madwar tnax jew tlettax-il sena. Mistoqsi qattx ra lill-intimat jghid li rah dawn l-ahhar sena u nofs u qabel qatt ma rah. Izid li r-rikorrent f'din l-ghalqa kien jaghmel xi naqra ful jew kellu erba' sigriet u kien joqghod isaqqihom. Qabel Agius ma kien ikun hemm hadd fl-ghalqa. Lir-rikorrent kien jarah b'mutur zghir tal-hart. Tractor kbir kien jara darba fis-sena biex jahsad. Ir-rikorrent gieli kellu t-tfal mieghu.

**Mario Farrugia** a fol. 161 et seq jghid li lir-rikorrent ilu jarah fuq il-post madwar disa' jew ghaxar snin. Izid li jarah darba jew jumejn fil-gimgha u l-ahhar li rah xi xahar qabel ix-xhieda tieghu li nghatat fis-6 ta' Lulju, 2022. Lir-rikorrent jafu minn qabel kien jarah ix-xoghol imma ghamlu hbieb miz-zmien li r-rikorrent beda jahdem l-ghalqa. Jghid li kien ikun hemm wiehed jahrat jismu Kola. Izid li lill-intimat qatt ma rah. Jerga jinsisti li lir-rikorrent baqa' jarah fl-ghalqa sa ftit zmien qabel xehed.

**Joseph Farrugia** a fol. 164 et seq jixhed li ilu jara lir-rikorrent fl-ghalqa ghal madwar tmien jew ghaxar snin qabel kien jara lil xi hadd minn Hal Qormi. Ilu izda ma jarah hemm madwar sentejn. Jghid li gieli ra tractors jahdmu l-ghalqa in kwistjoni.

A fol. 189 et seq jixhed **Wayne Agius** iben ir-rikorrenti li jghid li missieru ilu jizra fl-ghalqa xi tlettax-il sena pastard, kabocci, broccoli u corn u li l-intimat ma kien jaghmel xejn. Huh **Edward Agius** a fol. 192 et seq jixhed li missieru f'din l-ghalqa kien jizra u dan ghal dawn l-ahhar hmistax jew tnax il-sena u hu kien imur mieghu.

A fol. 62 tal-process gie esebit **rapport** li sar mir-rikorrenti Carmel Agius mal-Pulizija u li jgib id-data tal-15 ta' Lulju, 2020 fejn huwa rraporta kif isegwi:

' . . stqarr illi ghal dawn lahhar hdax-il (11) sena kien qes jikri ghalqa fis siggiewi, u aktar kmieni illum gha habta tal 1930Hrs waqt li kien ghaddej minnn hemm sab l-ghalqa bl-acces imblukat.

Carmel stqarr illi huwa l-ghalqa kien jikrijha minn ghand certu Cassar, John Mary u kellu sa Ottubru tal 2020 imhallas u ricenti kien gie John u qallu sabiex jitlaq minn gol-ghalqa. Meta l-kwerelant tkellemma ma l-avukat tal-fiducja tieghu huwa qallu sabiex jipqa gol-ghalqa sa kemm tiskadilu l-kera izda illum ghal

habta tal- 1900Hrs waqt li kien ghaddej minn hdejn l-ghalqa kien innota li kien hemm il-gata ta' barra maqluha u xi hamrija hdejn l-entratura sabiex ma jidhol hadd u katnazz gdied.

Carmel stqarr ukoll illi karti bil-miktub ma kellux li kien qed jikri l-ghalqa minhabba l-fatt li l-ghalqa ma kinitx ta' John izda kienet tal-gvern u kien jikrijha.'

Dwar dan l-intimat kien kellem lil Pulizija u fil-kopja tar-rapport a fol. 130 tidher il-versjoni tieghu kif isegwi:

'Irraporta gewwa l-ghassa hal-Qormi fejn hwua stqarr illi Carmel ma kienx ihallas kera u li kien ilu javzah sabiex johrog l-affarijiet tieghu minn go l-ghalqa minhabba l-fatt li kien ha jirranga xi affarijiet u minhabba li kellu jdahhal xi ingenji kbar kellu jnehhi ix-xatba.

John stqarr ukoll illi kien hemm kamra fil-prorpjeta' li kien ghamel pussess fuqha u ma kien irid itihom kopja tac-cwievet t'hemm. '

Rat ukoll ir-**rapport** li jaghmel referenza ghal fatti li allegatament sehhew nhar il-31 ta' Lulju, 2020 l-quddiem (fol. 65 et seq) fejn ir-rikorrent irraporta li huwa ilu jikri l-ghalqa ghal madwar tnax-il sena minghand l-intimat u li qed jahseb li l-intimat xtaq iahhal lil

xi hadd iehor fl-ghalqa u ghamillu xi hsarat fuq affarijeit li ghamel fl-ghalqa fuq pajpijiet tal-ilma tal-main li wahhalhom ir-rikorrent stess kif ukoll harrab xi ghasafar tar-rikorrenti li kienu go guva. Ir-rikorrent allega mal-Pulizija li dawn l-affarijiet ghamilhom l-intimat sid ghaliex kien qallu biex inehhi l-affarijiet tieghu minn hemm u qallu ukoll li ha jharrablu l-ghasafar.

Meta l-intimat mar l-ghassa sabiex jigi mistoqsi dwar dan ir-rapport huwa fil-versjoni tieghu a fol. 138 cahad li harrab l-ghasafar tar-rikorrent jew li ghamel xi hsara fuq il-pajpijiet. Insista li l-ghalqa hija tieghu u li kienu biss taw permess lir-rikorrent sabiex imur ghall-kacca fl-ghalqa taghhom. Zied li l-ghalqa hi maghluqa b'katina u li seta' dahal kulhadd biex iharrab l-ghasafar jew ghamel hsara fuq xi pajpijiet. Zied li l-pajpijiet qeghdin fil-genb u li jekk ried ir-rikorrent seta jmur ghalihom. Mal-Pulizija l-intimat sahaq li kien hu li dejjem hadem l-ghalqa u li meta ma setghax jahdimha hu personali kien iqabbad lil xi hadd bil-flus biex jahrata, zied:

'John stqarr wara li kienu talbu lil Carmel sabiex ma jibqax imur ghal-kacca fl-ghalqa taghhom, u wara li qalulhu diversi drabi sabiex ma jmurx u ma semghax, dawn kienu batulhu ittra bl-avukat sabiex jieqaf imur hemm. Rigward dan, huma wkoll infurmaw lid-dipartiment tal-artijiet peress li l-ghalqa hi tal-gvern,

izda huma kienu ilhom ihalsu l-qbiela ghal-dan l-ahhar ghoxrin sena.'

A fol. 124 et seq tal-process odjern xehed permezz ta' affidavit l-intimat **John Mary Cassar.** Huwa jinsisti li mhux minnu li r-rikorrent Carmelo Agius kien jiddetjeni l-ghalqa esklussivament ghax hu kien semplicement ippermetta lir-rikorrent b'mera tolleranza sabiex jidhol fl-ghalqa tieghu waqt l-istagun tal-kacca ghal skopijit ta' kacca. Jixhed li hu dejjem kien u baqa' jidhol fl-ghalqa tieghu jahdem l-istess flimkien ma' martu Mariella Cassar ghal ghexieren ta' snin u dan bis-sahha tat-titolu ta' qbiela favur tieghu minghand l-Awtorita' tal-Artijiet. Jghid li r-rikorrent ammetta fl-atti li l-intimat kien baqa' dejjem jidhol u jaccedi fl-ghalqa ghalhekk ma jistax ikun li qabad u dahal jew sgassa u waqqa' x-xatba kif qed jallga r-rikorrent. Izid li hu dejjem zamm f'idejh cavetta tax-xatba. Jammetti li nehha x-xatba li kienet spiccuta biex ikunu jistghu jidhlu t-trakkijiet biex tintefa l-hamrija fl-ghalqa izda flokha ghamel katina ghalhekk ir-rikorrent dejjem baqa' jista' jaccedi ghall-ghalqa billi jaqbez il-katina (jaghmel referenza ghar-ritratt esebit mir-rikorrent a fol. 6 tal-process). Izid li meta nehha x-xatba huwa kien gia rtira t-tolleranza fil-konfront tar-rikorrent sabiex jaccedi fl-ghalqa. Izid li ghalkemm ir-rikorrent ghamel rapport fuq ix-xatba l-pulizija qatt ma hadu passi kontra tieghu u li f'Settembru 2020 kien sab li xi hadd kien nehha l-katina u hu ghamel rapport mal-pulizija dwar dan (fol. 131 et seq).

Dwar is-sistema ta' irrigazzjoni li ghamel ir-rikorrent jghid li maz-zmien ir-rikorrent beda jipprova jakkaparra l-ghalqa u kien installa sistema ta' irrigazzjoni. L-intimat kien qallu mill-ewwel bien inehhiha u r-rikorrent kien weghdu li ser inehhiha izda baqa' ma ghamilx hekk. Ghalhekk wara ftit zmien nehhiha hu billi ressaqha fil-genb tal-ghalqa biex ikun cert li r-rikorrent ma jakkapparrax l-ghalqa w'ghalhekk ma ghamel l-ebda hsara jew kisser kif sostna r-rikorrent (jaghmel referenza ghar-ritratti a fol. 9. 10 u 11 tal-process). Izid li wara ftit zmien kien ra li dawn il-pajpjiet ma baqghux hemm u dwar dan ghamel rapport mal-Pulizija ghalkemm assuma li kien hadhom ir-rikorrent stess (rapport a fol. 134 et seq u jgib id-data tat-18 ta' Awissu, 2020).

Dwar il-guva tal-ghasafar l-intimat jixhed li r-rikorrent kien akkapparra kamra fl-ghalqa tieghu biex irabbi xi ghasafar fiha. Jghid li hu kien oggezjona ghal dan u ghamilha cara mar-rikorrenti li l-permess li kien tah jien kien biss sabiex jidhol gewwa l-ghalqa tieghu fl-istagun tal-kacca u xejn izjed. Jghid li Carmelo Agius, bhal dejjem, kien qallu biex ma jaghmilx l-affarijiet bi kbar u li ma kien qed jaghmel xejn hazin b'daqshekk. Wara dan ma felahx u talab lir-rikorrent biex johrog 'l barra mill-ghalqa. Carmelo Agius irrifjuta w'ghalhekk infethet il-kawza ta' zgumbrament li id-data tas-17 ta' Settembru, 2020. Izid li wara li prezenta l-kawza, r-rikorrent qatt ma resaq aktar lejn l-ghalqa

wara li ha mieghu is-sistema ta' irrigazzjoni li kien zarma l-intimat. Dwar il-guva jghid li assolutament mhux minnu li hu kisser xi katnazz jew harrab xi ghasafar. Wara r-rapport li r-rikorrent ghamel mal-pulizija dwar l-ghasafar il-pulizija wkoll ma hadu l-ebda passi kontra tieghu. Jghid li fil-fehma tieghu l-ispoll gie vvintat mir-rikorrent wara li l-intimat irtira l-mera tolleranza u talbu sabiex ma jibqax jidhol fl-ghalqa.

A fol. 136 l-intimat jipprezenta rapport ulterjuri li sar mal-pulizija datata 22 ta' Settembru, 2020 fejn huwa rraporta li fl-ghalqa kellu mejda tal-hadid li kien sab nieqsa minn fuq il-post wara li kien raha l-ahhar fl-20 ta' Settembru, 2020.

L-intimat John Mary Cassar xehed ukoll in kontro-ezami a fol. 170 tal-process odjern. Jichad li hu qatt kera l-ghalqa lir-rikorrent. Izid li ftehmu ghax kien ir-rikorrent stess li kien mar jitolbu xi tlett darbiet biex jidhol ghall-kacca biss u li kien qallu li jekk ikun hemm bzonn johrog, jghidlu u jrid johrog. Dwar flus jixhed:

'Il-flus qatt ma accettajna flus. Ma kienx hemm ftehim fuq flus, xejn xejn xejn.'

Jinsisti li l-flus ir-rikorrent semmihom u li hu qatt ma ha flus minghand ir-rikorrent. Qatt ma kien hemm flus involuti u qatt ma ssemmew flus. Jichad ukoll li kien hemm xi ftehim li sabiex iddur

il-qbiela kellu jtih ghaxart elef Euro (€10,000). Jghid li qed jivvinta kollox ir-rikorrent. Dwar l-allegat ftehim ta' tpartit ma' zewg garaxxijiet jghid li din l-istorja hu kien ivvintaha biex jehles minnu. Jichad li kien ihalli lil xi hadd iehor mill-familja tar-rikorrent juza l-ghalqa, hu biss. Hu ftiehem mieghu biss. L-ghalqa r-rikorrent qatt ma zeraghha dejjem hadimha l-intimat u ilu jaghmel hekk minn meta kienet fi zmien missieru, ghoxrin (20) sena ghandu u ghand missieru ghaxar (10) snin ohra. Dejjem zera qamh fl-ghalqa. Jinzera f'Settembru, Ottubru u jinhasad Mejju.

Dwar il-guva li giet imsaqqfa jghid li din kienet ilha li ssaqfet mir-rikorrenti xi tliet snin jew sentejn. X'hin saqqafha mill-ewwel qallu li ma tah l-ebda permess biex jaghmel xejn fil-kamra. Izid li r-rikorrent anki qabad u qata cavetta ta' kamra. Jichad li r-rikorrent kien jizra' xi haga fl-ghalqa u jinsisti li r-rikorrent qatt ma harat l-ghalqa. Dwar is-sistema tal-irrigazzjoni jichad li qaccatha izda li hu zarmha u gabaromlu hdejn hajt biex imur jigborhom ghax ma kellux dritt jaghmel xejn fl-ghalqa u ma jafx ghalfejn ghamel il-pajpijiet ghax ilma ma hemmx fl-ghalqa. Jaqbel li l-pajpijiet kienu fl-ghalqa kollha w'ghalhekk zarmahom ghax ried jidhol. Kien qallu mill-ewwel biex jiehu hsieb johrog halli jirranga l-ghalqa. Jahseb li r-rikorrent ghamel il-pajpijiet biex jikkapparra l-ghalqa mhux ghax kien jizra. Jghid li wara l-akkadut huwa gab lin-nies jghinuh u rega' zera' l-qamh ghax ma hemmx ilma biex jinzera xi haga ohra. Qed jaghmel il-hamrija fl-ghalqa

kollha ghaliex ma tantx fiha hamrija. Fuq domanda tal-Qorti jghid li x-xatba u l-katnazz kienu tieghu, hu kien ta cavetta lir-rikorrent. Meta nehha x-xatba ghamel katina biex ma jidhlux trakkijiet ihottu li jridu. Bil-katina persuna xorta setghet tidhol. Jichad li huwa qaccat xi soqfa.

Fl-atti tal-kawza ta' zgumbrament 829/2020 l-intimat odjern John Mary Cassar jinsisti li ghalkemm hu ma riedx jeqleb l-ghalqa, r-rikorrent tant kien persistenti li xorta wahda kien tah kopja tal-karta tal-identita' ghalkemm qallu li ghal dak iz-zmien ma kienx behsiebu jeqleb l-ghalqa. Jinsisti li huwa kien tah biss permess ghall-kacca fl-istagun tal-kacca. Jghid li maz-zmien ir-rikorrent beda jakkapparra aktar fl-ghalqa u jidher aktar spiss l'hemm tant li kkappara struttura zghira, ghamilha s-saqaf u beda jrabbi l-ghasafar. Kien kellmu u wissieh li qatt ma kien tah permess sabiex jaghmel hekk u hlief ghall-kacca. Izid li r-rikorrent odjern kien jghidlu biex ma naghmilhomx bi kbar u li lili ma kienx qed itellifni ghaliex l-ghalqa kienet kbira. Maz-zmien ir-rikorrent odjern installa s-sistema ta' irrigazjoni fl-ghalqa ghalkemm qatt ma kienx hadima u kkapparra wahda minn zewg kmamar u bidel is-serratura. L-intimat odjern talbu cavetta izda r-rikorrent Agius baqa' ma tahx cavetta. Jghid li kien dejjem hu li hadem l-ghalqa flimkien ma' martu Mariella Cassar. Fl-ahhar ma felahx aktar u talab lil Carmelo biex johrog il-barra mill-ghalqa. Ir-rikorrent kien joqghod imur ikellmu bl-iskuza ta' xi xoghlijiet biex jiprova

jikkonvincih idawwar il-hsieb u beda jaghmel minn kollox biex jehles minnu tant li spicca ma kienx jaghti kasu ghaliex hu kien mohhu mistrieh li l-qbiela ssejjah lilu. Minhabba li r-rikorrenti Agius odjern baqa' ma harigx l-intimat ghaddha sabiex jiftahlu l-kawza ta' zgumbrament. Izid illi:

'26. Illum indunajt illi Carmelo kellu pjan wiehed biss f'mohhu, u cjoe' dak illi jikkapparra l-ghalqa in kwistjoni, bl-istrutturi ta' go fiha, u jipprova jaqlani l-barra minnha b'ingann.

27. Li huwa zgur, pero', huwa li jien ghandi titolu tajjeb u skond il-ligi minghand l-Ufficcju Kongunt, filwaqt illi Carmelo ma ghandu assolutament xejn, billi jiena la tajtu u lanqas stajt intieh it-titolu ta' sub-kera li issa qieghed jippretendi li ghandu;'.

Jixhed ukoll in kontro-ezami fl-atti tal-kawza ta' zgumbrament a fol. 128 et seq tal-istess process anness. Jinsisti li hu qatt ma kera' l-ghalqa lir-rikorrenti odjerni u li kien ir-rikorrent Carmelo Agius li kien jigri warajh biex jidhol naqra ghall-kacca. Jinsisti li qatt ma accettaw flus. Il-flus beda biss isemmihom ir-rikorrent Carmelo Agius biex jipprova jirranga fl-ahhar: 'Qatt ma hadna flus, qatt. Ma kienx hemm flus involuti. Qatt ma ssemmew flus.' Jichad ukoll li talbu ghaxart elef Ewro biex tinqeleb l-ghalqa fuq Agius. Ivvintalu dwar in-negozju taz-zewg garaxxijiet biex jehles minnu ghaliex ir-rikorrent kien persistenti. Hu qatt ma halla l-familja ta'

Agius tidhol fl-ghalqa izda biss lil Carmel Agius ghall-kacca u dan ghax talbu Agius stess. Jixhed li hu dejjem qamh zera' f'din l-ghalqa u ilu jahdimha wahdu ghoxrin (20) sena. Jaf li r-rikorrent saqqaf bil-pjanci l-istruttura u ghamlu madwar tlett snin ilu u malli ghamlu mill-ewwel ilmenta mieghu ghaliex hu qatt ma tah permess jaghmel xejn fil-kamra. Jichad li Agius qatt zera' xi haga f'din l-ghalqa. Dwar is-sistema tal-irrigazzjoni hu zarmaghha mhux qaccata. U jghid li ma jafx ghalfejn ghamlu dawk il-pajpijiet ghaliex ilma ma hemmx fl-ghalqa. Jaqbel li l-pajpijiet kienu gol-ghalqa kollha, ghalhekk zarmaghhom ghax hu ried jidhol fl-ghalqa u qallu biex jiehu hsieb johrog halli jirranga l-ghalqa ghax ried jidhol bit-trakkijiet bil-hamrija. Jichad li wara li hareg ir-rikorrent dahal xi hadd iehor fl-ghalqa tieghu jizra'. Meta gab in-nies fl-ghalqa biex jizra' l-qamh hu stess. Dwar il-hamrija jghid li kull meta jiltaqa' ma' vjagg hamrija jmur jitfghu f'din l-ghalqa u jordom ghaliex l-ghalqa ma fihiex wisq hamrija.

Jinsisti li hu ma qaccat l-ebda katnazz, huwa nehha x-xatba u ghamel katina b'katnazz, mar xi jumejn jew tlett ijiem wara u sabha mqaccata. Kemm il-katina kif ukoll il-katnazz hu ghamilhom. L-ewwel katina u katnazz max-xatba kienu tieghu u Agius kellu cavetta taghhom biex ikun jista' jidhol. Imbaghad ghamel katina mhux xatba biex ma jidhlux it-trakkijiet iwaddbulu fejn isibu. Persuna xorta setghet tidhol bil-katina. Jichad li qaccat xi pjanci tal-kamra z-zghira.

A fol. 139 xehdet mart l-intimat **Mariella Cassar** permezz ta' affidavit. Tghid li huwa minnu li r-rikorrent kien jidhalla minn zewgha fl-ghalqa ghal skopijiet ta' kacca u dan biss b'mera tolleranza. Tichad li Carmelo Agius qatt hallasha xi flus talli kien jidhol ghall-kacca fl-ghalqa in kwistjoni. Tghid li fl-istess hin hi u zewgha dejjem baqghu jahdmu l-ghalqa. Dwar ix-xatba tghid li kemm ir-rikorrent kif ukoll hu u zewgha kellhom cavetta tax-xatba, huma sabiex jahdmu l-ghalqa u r-rikorrent sabiex jaccedi ghall-kacca. Tghid li x-xatba tnehhiet minnha u minn zewgha biex ikunu jistghu idahhlu xi trakkijiet bil-hamrija ghall-ghalqa dan ghaliex bix-xatba kif kienet it-trakkijiet ma setghux jidhlu. Bic-cavetta huma dejjem baqghu jidhlu u jaccedu regolarment. Wara li tpoggiet il-harmija hi u l-intimat dahhlu wkoll gaffa sabiex titwitta l-hamrija. Flok ix-xatba poggew katina w'ghalhekk Carmelo Agius xorta seta jibqa jidhol u johrog. Dwar is-sistema ta' irrigazzjoni tghid li ma kinitx ilha wisq installata u hi u zewgha mill-ewwel qalu lir-rikorrent biex inehhiha ghaliex hu kellu permess biss b'mera tolleranza li jikkaccja fl-ghalqa u mhux jahdem l-ghalqa. Tinsisti li r-rikorrent qatt ma hadem l-ghalqa u li baqghu dejjem jahdmu l-ghalqa hi u zewgha l-intimat. Ghalkemm ir-rikorrent kien qalilhom li ser inehhi s-sistema tal-irrigazzjoni dan baqa' ma ghamilx hekk w'ghalhekk hi u zewga zarmawha u ressquha fil-genb biex ir-rikorrent ikun jista' jigborha. Tichad li ghamlulha xi hsara. Tghid fil-fatt wara ftit zmien din ma

baqghetx hemm u assumiet li gabarha r-rikorrent. Dwar il-guva tghid li hi ma kissret l-ebda katnazz u li zewgha stqarr ukoll li ma harrab l-ebda ghasafar. Izzid:

'18. Ezatt qabel ma waqaf jaccedi ghall-ghalqa taghna fl-2020, kienet tnehhiet minn fuq il-post is-sistema ta' irrigazzjoni zarmata li kien hemm, u kienu tnehhew ukoll l-ghasafar. Nemmen, ghahekk, illi Carmelo Agius kien gabar hwejjgu, inkluz l-ghasafar, u, wara li induna li ma kellu l-ebda dritt jibqa' jaccedi fl-ghalqa taghna, billi l-mera tolleranza ta' zewgi kienet giet irtirata, iddecieda li ma jersaqx aktar lejn din l-ghalqa;

19. Irrid nghid ukoll illi, apparti hwejgu, jidher illi Carmelo Agius kien anke ha mieghu mejda tal-hadid li, fil-fatt, kienet tieghi u ta' zewgi.'

A fol. 62 tal-kawza ta' zgumbrament tixhed ukoll l-istess Mariella Cassar u mal-affidavit taghha tannetti ritratti a fol. 64 et seq. Issostni li r-ritratti a fol. 64 u 65 juru evidenza ta' skratac fl-ghalqa u li r-ritratti a fol. 66 u 67 juru l-ghalqa tinhadem b'permezz ta' tractor. Tghid li dawn ir-ritratti ttiehdu fis-sena 2020 meta zdiedet il-hamrija fl-ghalqa.

A fol. 141 al-process odjern xehed permezz ta' affidavit **Alfred Falzon**. Jghid li jahdem ghalqa fil-vicinanzi ghal dawn l-ahhar

madwar 21 sena u jmur kwazi kuljum. Lill-intimat jafu dejjem fl-ghalqa in kwistjoni tul dan il-perjodu kollu u anki qabel kellu l-ghalqa tieghu. Izid li lir-rikorrent jafu wkoll ghaliex huwa minn Hal Qormi. Jghid li fis-snin 2012 sa 2020 gieli kien jara lil Carmelo Agius f'din l-ghalqa imma dan kien ikun hemm biss sabiex jikkaccja fil-perjodu tal-kacca u qatt ma rah jahdem din l-ghalqa. Huwa kien ra wkoll li ghal zmien qasir kien hemm sistema ta' irrigazzjoni nstallata u meta kellem lill-intimat fuqha, ghaliex jaf li kemm kien ilhom jahdmuha l-intimat u martu qatt ma kellhom din is-sistema, l-intimat qallu li kien ghamilha Carmelo Agius u li dan kien qed jaghmel hekk biex jikkapparalu l-ghalqa. Ftit taz-zmien wara kien ra din is-sistema zarmata fil-genb tal-ghalqa. Mill-2020 qatt ma rega' ra lir-rikorrent fl-ghalqa tal-intimat. Jichad li hu kien ser ipartat xi garaxxijiet mal-ghalqa tal-intimat anki ghaliex jaf li l-ghalqa hija tal-Awtorita' tal-Artijiet. Fl-affidavit tieghu fil-process anness tista' tghid jixhed l-istess affarijiet a fol. 86.

Rat a fol. 91 il-kopja tac-cedola ta' hlas tal-allegata kera ta' erba' mitt Euro (€400) mir-rikorrenti favur l-intimat ghall-perjodu bejn Settembru 2020 u Settembru 2021.

Rat ix-xhieda ta' diversi Nutara li taw il-gurament fuq l-affidavits tax-xhieda tar-rikorrent.

A fol. 91 et seq tal-kawza ta' zgumbrament jixhed **Karl Borg** rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet li jikkonferma li l-ghalqa in kwistjoni kienet mikrija mill-Knisja lill-missier l-intimat odjern li kien jismu Joseph Cassar u dan kien lura fis-sena 1993 u fis-sena 1999 l-Awtorita' accettat li din tinqeleb fuq John Mary Cassar l-intimat odjern (fol 80). Baqghet tithallas sal-lum u jiprezenta d-dokumentazzjoni relattiva fl-atti (fol. 76 sa fol 81). Jispecifika wkoll li fil-process hemm ittra li taghmilha cara li l-Awtorita' tal-Artijiet ma kienet tat l-ebda approvazzjoni ghal kwalunkwe arrangament bejn il-partijiet (fol. 81). Din l-ittra kienet intbaghtet b'risposta ghall-ittra li konsegwentement giet esebita a fol. 108 tal-process anness. Jghid li fuq din l-art ma kinitx dahlet applikazzjoni taht l-iskema tas-sena 2002 li kienet tippermetti li persuni ohra jigu rikoxxuti.

A fol. 83 tal-process anness gie prezentat affidavit ta' **Saviour Farrugia** li kkonferma li t-titlu fuq l-art kien gie maqlub fuq John Mary Cassar u li huwa kien jaghmel xhur shah ghal vaganzi f'Malta. Jghid li tul dawn iz-zminijiet kien imur fl-ghalqa in kwistjoni sabiex jigbor il-bebbux u dejjem ra li l-intimat John Mary Cassar kien jiehu hsieb din l-ghalqa sew. L-istess tixhed **Georgina Farrugia** fl-affidavit taghha a fol. 84 tal-process.

A fol. 85 tal-process anness xehed **Emanuel Cassar,** hu l-intimat permezz ta' affidavit. Huwa jghid li l-ghalqa jafha ghand missieru

Joseph Cassar sa minn meta kien zghir. Izid li fis-sena 1993 din ghaddiet ghand huh l-intimat. Jghid ukoll li gieli jmur u jghin lil huh fl-ghalqa jew biex jigbor xi bebbux jew biex jghid kelma ma huh l-intimat ghaliex ikun hemm spiss. Jikkonferma li dejjem, sal-gurnata tal-lum, jaf biss lil huh l-intimat jahdem l-ghalqa. Lir-rikorrent Carmelo Agius jafu ghaliex huwa minn Hal Qormi u li f'dawn l-ahhar seba' jew tmien snin, gieli nzerta lil Carmelo Agius gewwa l-ghalqa ta' huh izda kien jarah biss jikkaccja waqt l-istagun tal-kacca u qatt ma rah jahdem l-ghalqa.

A fol. 87 tal-process anness xehdet **Gertrude Aquilina** li tigi bint l-intimat odjern. Tghid li minn dejjem tiftakar l-ghalqa in kwistjoni fil-pussess ta' ommha u missierha. Tiftakar li kienu jizirghu il-qamh ghaliex dak biss jikber minghajr ilma ghaliex ma hemmx ilma u tiftakar lil missierha jahdem l-ghalqa bil-mutur tal-hart. Meta kienet taghmel ix-xita tiftakarha titla' ma' ommha jxerrdu s-sulfat mal-qamh biex jikber. Meta kibret, kemm hi u kemm ohtha baqghu imorru biex jigbru xi bebbux izda missierhom kien beda jqabbad certu Joe Callus sabiex jghinu fl-ghalqa inkluz biex tinharat. Meta jikber il-qamh kien imur Joe Callus biex jahsad u jigbor il-qamh. L-ewwel jaghmlu forma ta' kaxxu u wara ftit granet jigbru u tghid li dan ghadu jsir sal-lum minn missierha, ommha u l-ghajnuna ta' Joe Callus. Tixhed li missierha kien ippermetta lir-rikorrent jikkaccja fl-ghalqa ghaliex hija pjuttost kbira. Fil-fatt dan kien qalulha missierha u wkoll kienu jaraw l-

iskratac fl-ghalqa.  Tghid li recenti rat lil missierha inkwetat ghaliex Carmelo Agius ried jaghmel pussess tal-ghalqa tant li missierha qallu biex ma jibqax imur ghall-kacca filwaqt li Carmelo Agius kien qallu li ma kellux l-ebda jedd ikeccieh.  Tixhed li r-rikorrent wara dan kollu kien baqa' jmur fejn missierha jipprova jipperswadih biex jibqa' jhallih imur ghall-kacca u missierha kien beda jiddejjaq u jaqtalu fil-qasir.  Tikkonferma li lil Carmelo Agius hi qatt ma ratu jahdem l-ghalqa in kwistjoni u kien ikun hemm biss waqt l-istagun tal-kacca.

Il-versjoni tal-fatti kif suesposta gie konfermata wkoll minn bint l-intimat l-ohra **Marilyn Demanuele** fl-affidavit taghha a fol. 89 et seq tal-process anness.

A fol. 97 et seq tal-process anness xehed **Joseph Callus** li jghid li ilu jaf lill-intimat madwar tletin (30) sena u ilu aktar minn ghoxrin (20) sena jigi mqabbad mill-intimat Cassar sabiex jahratlu l-ghalqa in kwistjoni, jizralu l-qamh u wara jahsduh, jippakkjawh u jbieghuh.  Jghid li fis-sena 2020 ma zerawhiex ghaliex qalu li ser ihalluha tistrieh izda mis-sena 2019 lura dejjem konsistenti kienu jizrawha.  Sabiex isir dan ix-xoghol kien imur erba' darbiet fis-sena zgur u kien iqabbdu l-intimat Jimmy Cassar.  Kien l-intimat li meta jiftehmu kien imur jiftahlu x-xatba li minn dejjem kienet hemm.  Jew kien ikun mieghu l-intimat jew inkella kien itih ic-cavetta.  Fl-ghalqa jghid li qatt ma ltaqa' ma' hadd ghalkemm kien

imur f'diversi hinijiet. Imur jahrat bejn Ottubru/Novembru u jahsad f'April. Wara hmistax jew tlett gimghat imur jippakkja t-tiben u wara l-ghada jew pitghada jmorru jghabbu. Dan kien isir ta' kull sena. Kien ihallsu Jimmy Cassar. B'referenza ghar-ritratti esebiti minn mart l-intimat jaghraf it-tractor tieghu u l-ghalqa tal-intimat.

A fol. 106 tal-process anness jixhed **Nicholas Vassallo** permezz ta' affidavit li jghid li huwa jahdem madwar sittin tomna raba flimkien ma' huh James Vassallo vicin l-ghalqa in kwistjoni. Jghid li jahdmu din ir-raba' kuljum ghal madwar dawn l-ahhar tletin sena. Lill-intimat John Mary Cassar jafu u kien jaf ukoll lil missieru. Jghid li l-ghalqa in kwistjoni dejjem jafha tinhadem minn missier l-intimat u wara mill-intimat sal-lum il-gurnata. Ma jaf li kien hemm hadd aktar jahdem l-ghalqa in kwistjoni u l-intimat gieli qabbad nises jghinuh jahartu l-istess ghalqa ghaliex l-intimat m'ghandux tractor. Jghid li lir-rikorrent jafu wkoll imma fuq wara tal-ghalqa ghaliex ir-rikorrent ghandu ghalqa hemm u gieli rah hemm mat-tfal tieghu specjalment fl-istagun tal-kacca izda qatt ma rah jahdem l-ghalqa tal-intimat.

**Bazi Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

*"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew f' dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."*

Is-sub-artikolu 535 (2) jkompli jghid:

*'Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata spoll.'*

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

Illi l-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum.* L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-

azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa:

*"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato".* (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jingħad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-*

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Fil-kawza fl-ismijiet Mariano Farrugia et noe vs. Peter Paul Cutajar (deciza 23 ta' Ottubru, 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) jinghad:

*'Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lilh add jiddisturb a stat ta' fatt arbitrarjament u hija intiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddistrubaha u daqshekk biss.'*

Jinghad ukoll illi *'l-ispoljant ma jistax jirrispondi in difesa' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita hija riservata ghall-gudizzju petitorju. L-uniku mod li tista tigi ikkunsidrata eccezzjoni, huwa biss wara li l-ispoll jigi reintegrate 'spolitus ante omnis*

*restituendus.'*[2]

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..**'[3]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[4]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[5]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[6]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[7]

---

[2] Ara *Delia vs. Schembri, PA.04/02/1958.*
[3] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[4] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[5] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[6] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[7] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Carbonaro vs. Norman Dimech (deciza fit-12 ta' Lulju, 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) inghad kif isegwi:

*'Illi ghalkemm dwar l-ewwel element, il-pussess li huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-ghemil ilmentat, l-atturi kien fil-pussess imqar materajli ta' fatt. L-attur m'ghandux bzonn li jaghti prova li ghandu dritt ta' proprjeta' jew servitu', jew titolu iehor fuq il-haga. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizutla li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt u mhux wiehed ta' mera tolleranza.'*

Fil-kawza fl-ismijiet Annetto Xuereb Montebello et vs. Paolina Magri et.[8] inghad illi:

*'L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fundament ghall-akkwist tal-pussess.'*

Dwar l-element tal-*'ispoliatum fuisse'* jinghad illi:

*'Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta spoll, foshtom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-*

---

[8] Kollezz. VOL XXXVII.i.280 19/06/1953.

*pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detensjoni li huwa jgawdi.'*[9]

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Scerri vs. Spiridione Falzon deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 inghad kif isegwi:

'*Spoll vjolent huwa kwalsiasi att arbtirarju li jsir bil-forza privae kontra l-volonta' ta' l-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skond il-ligi, izda anke meta jigi kompjut arbtirarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.'*

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul

[9] Ara *Joseph Baldacchini vs. Emanuel Falzon Fava, 22/04/1998.*

Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.*

Illi fil-kawza odjerna l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu qed jaghmel referenza ghat-teorija tal-*vim vi repellere licet.* Fid-decizjoni fl-ismijiet Nazzareno Spiteri et vs Karl Busuttil et deciza mill-Prim' Awla fis-26 ta' Marzu 2014, dwar dan il-principju jinghad kif isegwi:

‘Fuq dan l-aspett, il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet “Camilleri vs Bonello” (deciza fil-5 t’Ottubru 1998) tikkwota illi:

*“Dell’ altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per aprirvi l’accesso che prima possedeva non fa’ atto violento, ne’ commette spoglio, ne’ si fa’ giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.”*

Dik il-Qorti ghamlitha’ cara li din l-azzjoni tal-intimat trid tkun izda saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tar-rikorrent biex tkun gustifikata. F’dak il-kaz partikolari l-intimat kellu pussess ta’ ghalqa mdawra b’hajt u r-rikorrent qabad u fetah fetha fil-hajt biex jikrea passagg. Fl-istess gurnata l-intimat, wara li l-intimat telaq minn fuq il-post, rega’ ghalaq il-fetha li r-rikorrent kien fetah. Ir-rikorrent fetah kontra l-intimat kawza ta’ spoll b’referenza ghall-agir tal-intimat li rega’ ghalaq il-hajt fl-istess gurnata. F’dik il-kawza, l-ewwel Qorti kienet sostniet li ma kienx hemm l-immedjatezza li trid il-ligi sabiex japplika l-principjiu tal-*vim vi repellere licit* izda l-Qorti tal-Appell laqghet din l-eccezzjoni tal-intimat stante li sostniet li dan il-principju ma kienx ifisser li persuna ghandha tirreagixxi tant b’mod immedjat li tista tigi f’konfront dirett ma’ min ikun qed iwettaq l-ispoll izda jekk malli jitlaq it-terz terga tirrispristina l-oggett, f’dak il-kaz il-hajt ghall-

istat li kien allura ghandu iva japplika l-principju tal-*vim vi repellere licet* u persuna li tagixxi b'dan il-mod ma tkunx hatja ta' spoll:

*'Mill-banda l-ohra l-immedjatezza li trid il-ligi ma tistax u ma ghandiex tigi ekwiparata mar-rejazzjoni kontemporanja ma' l-agir spoljattiv li bih l-attur juzurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tieghu.*

*Interpretazzjoni rigida bhal din twassal ghal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja ghall-konfront fiziku vjolenti bejn min ikun qieghed jikkontesta l-istess dritt ghax tipprovoka konfrontazzjoni fizika diretta f' sitwazzjoni spiss esplossiva.'*

Fid-decizjoni fl-ismijiet John Sammut vs Emanuel Sammut (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 jinghad kif isegwi:

*'….Il-principju "vim vi repellere licet" billi dan il- principju jista' jigi applikat biss meta l-azzjoni difensiva ssir "confestim" u "in continenti" u mhux "ex intervallo" ("Carmela Sant –vs- Gerolamo Deguara et", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989; "Francis Spiteri –vs- Gilju Briffa", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April 1986). "*

Fid-decizjoni fl-ismijiet Joseph Muscat vs Joseph Chetcuti et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 gie osservat kif isegwi:

'*nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e difendere colla forza il possesso ma di ricuperare eziando colla forza il posseso, per effetto della violenza perduta*" (Vol. XXIV P I p 281);'.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi mill-provi suesposti, fl-ewwel lok hareg ampjament pruvat li dak li allegaw ir-rikorrenti fir-rigward ta' din l-ghalqa u cioe' illi huma ilhom jiddetjent l-ghalqa in kwistjoni 'esklussivament' ghal numru ta' snin l-ghalqa assolutament mhux minnu. Fil-fatt jirrizulta ampju mill-provi li kemm ir-rikorrent Carmel Agius kif ukoll l-intimat John Mary Cassar kienu jaghmlu uzu kontempraneament mill-ghalqa in kwistjoni tant li t-tnejn li huma kellhom cavetta tax-xatba tal-ghalqa u l-istess rikorrent jammetti li l-intimat kellu wkoll cavetta li biha seta' jidhol fl-ghalqa tant li jixhed li l-intimat kien jidhol jarmi fl-istess ghalqa u jikkumenta li hu kien ikollu joqghod jirranga warajh. Illi din hija l-ewwel nuqqas ta' verita li din il-Qorti rriskontrat fil-kawza odjerna u fil-mod kif gie espost il-kaz quddiemha da parti tar-rikorrenti. Dan apparti nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda moghtija mir-rikorrent u xhieda ohra mressqa minnu fejn jaghtu numri ta' snin diversi li suppost ir-rikorrent kien qed juza din l-ghalqa li jvarjaw minn

tmien (8) snien u jitilghu sa tlettax-il (13) sena. Anki fir-rapporti mal-pulizija l-istess rikorrent jikontradixxi lilu nnifsu u f'wiehed jghid li l-ghalqa ilha ghandu hdax-il (11) sena u ftit jiem wara jirraporta li kienet ilha ghandu tnax-il (12) sena.

Illi l-Qorti tirrileva li l-fatt li hareg car mill-atti li l-ghalqa kienet fil-pussess kemm tar-rikorrent Carmel Agius ghal certu uzu kif ukoll tal-intimat John Mary Cassar, jitfa dubju kbir f'mohh din il-Qorti fuq ix-xhieda kollha mressqa mir-rikorrent Agius li xehdu li kienu jaraw biss lir-rikorrenti fl-ghalqa tul numru ta' snin ghaliex kif gia inghad lanqas fuq is-snin ma jaqblu. Wisq aktar iwaqqa dubju fuq dawk ix-xhieda familjari tar-rikorrenti li wkoll insistew li lill-intimat ma jafuhx f'din l-ghalqa. Il-Qorti tqis li la darba rrizulta li l-intimat kellu wkoll access illimitat ghall-ghalqa w'ghalhekk kellu wkoll pussess tal-istess ghalqa, kif ammetta l-istess rikorrent, allura ftit li xejn tista' taghti kredibilita' ghal dak li xehdu dawn il-persuni li qalu li qatt ma raw lill-intimat fuq il-post.

Illi fil-bqija dwar l-ispoll allegat jirrizulta li din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet kompletament differenti. Ir-rikorrenti jsostnu li huma kienu jikru l-ghalqa minghand l-intimat ukoll sabiex jizirghu il-prodotti fiha u dan versu l-hlas ta' erba' mitt Euto (€400) fis-sena filwaqt li l-intimat jinsisti li hu kien biss ta permess b'mera tolleranza lir-rikorrent biex jidhol ghall-kacca u xejn aktar u dan minghajr ebda hlas.

Illi la darba din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet opposti bilfors trid thares lejn il-kredibilita' tal-provi u xhieda li tressqu quddiemha. Din il-Qorti gia ddikjarat li ftit li xejn qed taghti kredibilita' lix-xhieda mressqa mir-rikorrenti ghar-raguni li dawn kollha xehdu li ma jafux lill-intimat fl-ghalqa in kwistjoni meta hareg car fil-provi li l-intimat kien baqa' jezercita' pussess car fuq l-ghalqa billi kien konsistement tul is-snin hu stess, jew terzi mqabbda minnu jahrat l-ghalqa, jizraghha bil-qamh u jahsad l-istess qamh f'April u jigbru ftit jiem jew gimghat wara.

Il-Qorti rat ukoll bosta inkonsistenzi fil-pretensjonijiet u l-provi mressqa mill-istess rikorrenti. Fil-fatt f'partijiet minnhom jissemma li skont ir-rikorrenti, l-intimat kien talab is-somma ta' ghaxart'elef Liri Maltin (LM10,000) sabiex jeqleb l-ghalqa fuq ir-rikorrent u f'partijiet ohra tissemma s-somma ta' ghaxart' elef Euro (€10,000). L-istess rikorrent jammetti fix-xhieda tieghu li kemm hu kif ukoll l-intimat kellhom cwievet tax-xatba li taghti ghall-ghalqa izda din ix-xhieda inghatat ferm tard fl-ahhar tal-proceduri u dan il-fattur ir-rikorrent hass li ma kellux jaghtih importanza fil-bidu tal-proceduri anzi nsista li l-pussess tieeghu kien wiehed esklussiv. Illi hareg ukoll mill-provi li r-rikorrent ghandu f'idejh ghelieqi ohra vicin din l-istess ghalqa izda dawn ftit li xejn issemmew kemm mir-rikorrent kif ukoll mix-xhieda li hu ressaq. Din il-Qorti mill-assjem tal-provi ghandha suspett qawwi li fejn ir-rikorrenti u l-familjari taghhom kienu qed jixhdu

dwar prodotti li r-rikorrent suppost ikabbar fl-ghalqa odjerna, dawn kienu qed jirreferu ghal dak li jitkabbar fl-ghelieqi l-ohra u mhux f'din partikolari. Difficilment din il-Qorti tista' temmen li r-rikorrent kien jizra l-prodott f'din l-ghalqa meta jammetti li l-intimat meta jfettilu kien imur u jarmi bit-trakkijiet fl-istess ghalqa. Ukoll kien hemm xhieda tar-rikorrent li sostnew li fil-fatt parti biss kienet tidher mahduma mir-rikorrent bil-prodotti li jseemmu filwaqt fil-bqija kienet tkun bil-qamh.

Illi l-Qorti rat ukoll li l-istess rikorrent fix-xhieda tieghu jammetti li hu gieli ra l-istess ghalqa mahruta izda ma kienx ikun jaf min harata. Jekk kien suppost jizra' l-ghalqa hu kif seta' jaccetta li allura din tinharat minn xi hadd li ma jafx min hu!

Il-Qorti wkoll rat diversi kontradizzjonijiet fix-xhieda tar-rikorrent dwar ir-raguni ghalfejn suppost huwa ma thalliex aktar jidhol fl-ghalqa in kwistjoni. Fir-rikors guramentat isostni li hu ma setax jidhol aktar ghaliex l-intimat sgassa x-xatba, nehha sistema ta' irrigazzjoni, sgassa katnazz tal-guva u harrab l-ghasafar w'ghalhekk ma setax suppost jidhol aktar. Waqt is-smigh tal-provi rrizulta li x-xatba in kwistjoni kienet tal-intimat mhux tar-rikorrent u li z-zewg partijiet kellhom ic-cavetta ta' din ix-xatba. Meta tnehhiet ix-xatba tpoggiet biss katina w'allura bniedem seta' xorta wahda jibqa jaccedi fl-ghalqa. Mhux biss izda din il-katina wara tlett ijiem ma baqghetx hemm, allura x'kien hemm izomm lir-rikorrent milli jaccedi u suppost jezerecita' l-pussess hekk

imsejjah 'esklussiv' tieghu!

Fil-fatt aktar tard fil-proceduri r-rikorrent jaghti versjoni ohra u jghid li huwa minn jeddu iddecieda li ma jmurx aktar fl-ghalqa meta l-intimat qallu biex johrog. Fl-atti rrizulta li dan kien f'Mejju 2020. L-atti allegatament spoljattivi sehhew f'Lulju u Awwissu 2020. Ukoll fi stadju tardiv tal-proceduri r-rikorrent jaghti versjoni ohra u jghid li ddecieda li ma jmurx aktar fuq il-post ghaliex allegatament kien hemm terz u iben terz li kienu jkunu fl-ghalqa adjacenti bis-senter u hu biex ma jaqlax argumenti (ghaliex skont hu dan it-terz ried l-ghalqa tal-intimat) ma baqax imur. Allura l-Qorti tistaqsi x'inhi l-versjoni t-tajba? Li r-rikorrent ma baqax imur minhabba azzjonijiet tal-intimat, ghaliex iddecieda hu li ma jmurx aktar fuq il-post jew ghaliex bezzghu terz?! Fuq dawn l-incertezzi kollha r-rikorrent qed jipretendi li din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza ta' spoll favur tieghu.

Kontradizzjoni ohra li nqabad fiha r-rikorrent odjern hija li fejn fil-bidu tal-kawza ta' zgumbrament huwa jammetti waqt ix-xhieda tieghu li l-ghalqa huwa juza' wkoll ghall-kacca, fil-kawza ta' spoll jibqa' jichad li kien juza' ghall-kacca ghaliex skont hu ghandu ghelieqi ohra li juza ghal dan l-iskop. Hija l-istess mart ir-rikorrent odjern li tikkontradixxi din il-versjoni u tikkonferma li Carmelo Agius kien juza l-ghalqa wkoll ghall-kacca. Allura l-Qorti tistaqsi x'inhi r-raguni li r-rikorrent baqa' jinsisti mal-Qorti fil-kawza ta' spoll li din l-ghalqa ma juzahiex ghall-kacca. Il-

Qorti tqis mill-assjem tal-provi li tant ir-rikorrent Carmelo Agius ghamel sforz sabiex ipengi stampa ta' fatti li ma kinitx dik veritiera quddiem din il-Qorti li finalment spicca beda jitfixel hu stess fl-inveritajiet li beda jressaq bhala provi.

Illi minn naha l-ohra l-Qorti rat li l-versjoni tal-intimat John Mary Cassar baqghet dejjem konsistenti fiz-zewg processi u cioe' li l-uniku ftehim bejn il-partijiet kien li r-rikorrent jidhol gol-ghalqa ghal skop ta' kacca u xejn aktar u li kien l-intimat li baqa' jahdem l-ghalqa u jkabbar il-qamh fiha. Din il-versjoni hija sostnuta mix-xhieda ta' martu, ulied l-intimat u wkoll minn Joseph Callus.

Il-Qorti verament temmen li l-intimat awtorizza lir-rikorrent sabiex juza l-ghalqa in kwistjoni ghal skop ta' kacca izda tul iz-zmien ir-rikorrent beda jipprova jakkaparra partijiet mill-ghalqa billi jhawwel xi sigra jew juza xi kamra zghira izda l-intimat minn dejjem avzah li ma kienx qed jaccetta li jaghmel dan u li ma kienx dak il-ftehim taghhom. Meta finalment ir-rikorrent ghamel azzjoni li permezz taghha prova jakkapparra l-ghalqa kollha u cioe' meta ghamel is-sistema ta' irrigazzjoni minghajr ma gie mizrugh xejn maghha, l-intimat mill-ewwel qallu biex inehhiha ghax ma kienx awtorizzat izda r-rikorrent ma ghamilx hekk b'dana li l-intimat sab ruhu f'posizzjoni li bhala ko-possessur ma kellux triq ohra ghajr li jitfa din is-sistema fil-genb sabiex ikun jista' jezercita' l-pussess li huwa dejjem ezercita' fuq l-ghalqa u cioe' li jidhlu l-ingenji sabiex din tinhadem.

Illi fir-rigward tal-allegat sgass tal-bieb u katnazz tal-guva l-Qorti rat li l-intimat dejjem cahad li dan ghamlu hu u baqa' dejjem konsistenti fil-versjonijiet tieghu. Minn naha l-ohra kien l-istess rikorrent li tefa bosta dubji f'mohh din il-Qorti jekk kienx verament l-intimat li harrablu l-ghasafar jew nehha l-pjanci in vista li finalment sostna li kien hu li ghazel li ma jersaqx aktar l-hemm allura f'dak il-kaz il-Qorti ma temminx li r-rikorrent kien ser ihalli l-ghasafar warajh u wisq anqas sistema ta' irrigazzjoni li tiswa l-flus u wkoll kien l-istess rikorrent li qajjem dubji dwar terz li seta' kien dan it-terz li wettaq dawn l-atti u mhux l-intimat. Fuq kollox jirrizulta pruvat li l-ghalqa kienet facilment accessibbli ghal kulhadd ghalhekk facilment dawn l-atti setghu twettqu minn terzi. Jirrizulta li kien l-istess intimat u mhux ir-rikorrent li kien irraporta mal-pulizija li s-sistema ta' irrigazzjoni giet nieqsa filwaqt li dan ma ghamlux ir-rikorrent li kienet tieghu stess.

Illi in vista tas-suespost, ghal dawk li huma l-elementi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata mir-rikorrenti l-Qorti tirrileva kif isegwi:

**Pussess:** Illi rrizulta li ghalkemm ir-rikorrent kellu xi tip ta' pussess fuq l-ghalqa, dan kien wiehed kongunt mal-intimat u mhux esklussiv u wkoll dan il-pussess kien biss sabiex jidhol ghall-kacca u xejn aktar. L-atti l-ohra msemmija mir-rikorrent fosthom sigar (jekk verament jezistu), trobbija ta' ghasafar u sistema ta' irrigazzjoni kienu mill-ewwel opposti mill-intimat

w'ghalhekk ma jistax jitqies li r-rikorrent qatt seta' kellu xi tip ta ' pussess jew detenzjoni kif trid il-ligi fuqhom;

**Spoliatum fuisse**: Illi ghal dak li jirrigwarda access sabiex ir-rikorrent jikkaccja fl-ghalqa in kwistjoni rrizulta li dan seta' jibqa' jigi ezercitat ghaliex flok xatba tpoggiet katina li seta' jaqbez kulhadd. In oltre jirrizulta li l-intimat kien ilu ferm li avza lir-rikorrent sabiex jieqaf jaghmel uzu u johrog mill-ghalqa in kwistjoni u l-istess rikorrent xehed bil-gurament li kien f'dak il-mument li hu ddecieda li ma jmurx aktar l'hemm u mhux minhabba xi att spoljattiv da parti tal-intimat. Il-Qorti anzi temmen li kien l-istess rikorrent li gabar mill-istess ghalqa is-sistema ta' irrigazzjoni li kienet tpoggiet fil-genb minn pussessur iehor (cioe' mill-intimat) u li ha mieghu l-ghasafar li kien irabbi u dan ghaliex kien iddecieda li ma jmurx aktar l'hemm. Jirrizulta ghalhekk li l-element tal-*ispoliatum fuisse* mhux sodisfatt.

In vista tas-suespost il-Qorti tqis li m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fit-tielet element la darba l-elementi l-ohra ma gewx sodisfatti kif trid il-ligi.

Illi l-Qorti in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma kompatibbli ma dawk hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' r-risposta tal-intimat sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Ġunju , 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta' Ġunju, 2023**